# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 256/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**LTM**

**Vs**

**FT**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' LTM, datat 5 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenta kienet isseparat legalment minn mal-intimat zewgha u in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Anne Fenech Adami datat 14 ta' Mejju tas-sena 2008, Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg kienet twieldet tifla nhar il-11 ta' Frar tas-sena 1999 li nghatat l-isem ta' FS, Dok B;*

3. *Illi fil-precitat kuntratt ta' separazzjoni kien gie stipulat li l-intimat qua missier kien obbligat li jhallas almenti ghall-imsemmija bintu s-somma ta' €45 fil-gimgha;*

4. *Illi fil-frattemp il-Legislatur kien impona obbligu fuq il-missier li l-manteniment favur l-ulied jissokta u ghandu jibqa jithallas sakemm l-ulied ighalqu 23 sena fil-kaz li dawn ta l-ahhar jibqghu full-time students;*

5. *Illi l-imsemmija FST bint il-kontendenti fil-fatt baqghet u ghada sallum full-time*

*student minn meta ghalqet 18-il sena cioe' nhar il-11 ta' Frar tas-sena 2017;*

6. *Illi l-istess FST ghadha tirrisjedi ma ommha l-attrici;*

7. *Illi l-intimat baqa gustament ihallas il-manteniment ta' bintu sa Awissu 2017 pero mix-xahar ta' Settembru 2017 sallum huwa rrifjuta li jkompli jghaddilha dawn l-alimenti;*

8. *Illi r-rikorrenti bdiet proceduri ta' medjazzjoni ghal dan l-iskop pero l-intimat injora ghal kollox dan it-tentattiv u ghalhekk l-istess process inghalaq u r-rikorrenti inghata id-dritt li tintavola l-odjerna procedura, Dok C;*

9. *Illi in vista tal-premess ghalhekk ir-rikorrenti attrici ma kellhiex triq ohra hlief dik li tipprezenta din il-procedura.*

10. *Illi l-fatti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa personalment lill-istess attrici.*

*Ghaldaqstant l-esponent titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijet premessi:-*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa tenut li jibqa jhallas alimenti a favur ta' bintu sakemm hija taghlaq 23 sena diment li tibqa fulltime student tul dan il-perjodu kollu;*

2. *Tiddikjara ghalhekk li l-intimat ghandu jhallas lill-attrici bhala alimenti favur ta' binthom is-somma ta' €45 fil-gimgha mil-ewwel jum ta' Settembru 2017;*

3. *Tillikwida l-ammont dovut mill-istess intimat kalkolat bir-rata ta' €45 fil-gimgha u dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2017 sad-data tal-odjerna sentenza;*

4. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat;*

5. *Tordna lill-konvenut ihallas alimenti favur ta' bintu bl-istess rata ta' €45 fil-gimgha sal-10 ta' Frar 2022 diment li tibqa full-time student.*

6. *Tordna u taghti kull provvediment iehor li jkun jidrilha hell xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-process ta' medjazzjoni kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' FT flimkien mad-dikjarazzjoni (a fol 18), ammess ghal-ghajuna legali, datata 11 ta' Frar 2019, a fol 17, li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu illi l-partijiet ghamlu ftehim ta' separazzjoni datat 14 ta' Mejju 2008.*

2. *Illi skond dan il-ftehim imkien ma tissemma s-sitwazzjoni prospettata mir-rikorrenti.*

3. *Illi huwa dejjem zamm mal-kuntratt u hallas dak kollu li huwa dovut skond l-istess kuntratt.*

4. *Illi l-emenda fil-ligi li ssemmiet mir-rikorrent ma ghandhiex tkun tali li lill-intimat ibaghti ngustament.*

5. *Illi sallum ma ghandu ebda prova jekk effettivament FS qed tistudja u dana billi ilu ma jkollu kuntatt maghha mill-2017.*

6. *Illi fi kwalunkwe kaz illum l-intimat ghandu problema finanzjarji ta' certu entita' minhabba dizabilita'.*

7. *Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**LTM** xehdet a fol 22 *et seqq* illi l-partijiet ilhom isseparati ghaxar snin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, fejn il-konvenut intrabat li jhallas manteniment versu l-htigijiet ta' binthom fis-somma ta' €45 fil-gimgha. Spjegat illi bint il-partijiet ghandha ghoxrin sena, u bdiet tahdem *full-time* ghalkemm ghada studenta. Kompliet illi l-konvenut waqaf ihallas manteniment sa Settembru 2017. Ziedet illi bint il-partijiet ghalqet tmintax -il sena fil-11 ta' Frar tas-sena 2017.

**In kontro-ezami** xehdet illi bint il-partijiet bdiet tahdem *full-time reduced hours* fl-2016-2017 u f'Novembru 2018 bdiet tahdem *full-time.* Spjegat illi hija qed tahdem ma' Muscat Co. Ltd waqt li qed tistudja ghall-ACCA.

**FST** xehdet a fol 24 *et seqq* illi hija ghandha ghoxrin sena u tahdem ma Muscat & Co Auditing Company, filwaqt li ghada kif bdiet tistudja ghall-ACCA. Spjegat illi fl-2017 kienet ghamlet l-A'levels, is-sena ta' wara kellha zewg resits f'Marzu, imbaghad bdiet l-ACCA f'Dicembru 2018. Kompliet illi fis-sajf tal-2017 kienet bdiet tahdem *part-time,* u kienet qalbet *full-time* minn Novembru. Xehdet illi hija ghalqet tmintax -il sena fil-11 ta' Frar 2017.

**In kontro-ezami** xehdet illi fis-sajf tal-2017 kienet tahdem go haunt ghal ftit sieghat. Mistoqsija sabiex tispjega kemm kienet tahdem sieghat, qablet illi kienet tahdem circa hmistax jew ghoxrin siegha.

**FT** illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet huwa kellu jhallas is-somma ta' mitejn u erbghin ewro (€240) fix-xahar, u li waqaf ihallas il-manteniment fl-2018 peress illi ma setghax jahdem aktar *part-time* minhabba problema f'saqajh. Qal illi huwa impjegat ma' Carnaby Wines u ghandu paga nett ta' cirka €730 - €750.

**In kontro-ezami** xehed illi huwa kien baqa' jhallas manteniment lil bintu anke wara li hija ghalqet tmintax -il sena. Qal li dan kien biss ghaliex minhabba l-problema li ghandu f'saqajh ma jistghax joqghod hafna bil-wieqfa, u kien bis-sahha ta' Jobsplus li sab l-impjieg li ghandu issa ma' Carnaby

Wines bhala persuna b'dizabbilita. Qal illi huwa ghandu din il-problema f'saqjah peress illi kien f'incident fejn karozza tajjritu waqt li hu kien fuq mutur.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghraf illi din il-kawza giet intavolata mill-attrici kontra l-konvenut sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghal binthom li llum -il gurnata hija maggorenni. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A B vs C B** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Mejju 2018 fejn intqal illi:

> **"*Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas*."**

Kif gie wkoll ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Martina Farrugia et vs Carmel sive Charles Farrugia** deciza fis-26 ta' Mejju 2017:

> **"*…l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili jaghti dritt lill-ulied maggjorenni sabiex, fil-kaz li jkkonkorru c-cirkostanzi hemm kontemplati, jipprocedu huma direttament kontra l-genituri taghhom*."**

M'huwiex ikkontestat f'dan il-kaz illi bint il-partijiet hija maggorenni, u kienet diga maggorrenni meta giet intavolata din il-kawza. Illi ghalhekk hija hi li trid tintavoli proceduri sabiex titlob manteniment minghand il-genituri taghha, u sabiex jigi stabbilit jekk hijiex intitolata ghall-manteniment u min mill-genituri huwa tenut li jhallsu. Pero l-attrici f'dan il-proceduri m'ghandhiex *locus standi* peress illi galadarba bint il-partijiet hija issa maggorenni il-genituri taghha ma jistghux jidhru in rapprezentanza taghha fi proceduri litigjuzi.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-attrici m'ghandiex *locus standi* f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet taghha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**